MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 50

26 ta' Jannar 2016

Minuti tas-seduta Nru. 50 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier J. Gauci li għarraf lill-Kunsill illi ser ikun imsiefer permezz ta' imejl datat 13 ta' Jannar 2016.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 15.3. tas-seduta preċedenti u talab li tinqara hekk:

*"15..4. Is-Sur C. Bartolo qal li ser isir sforz sabiex fl-istess jiem tal-Iljieli Melleħin tiġi organizzata konferenza kofinanzjata bejn il-Kunsill u mill-Programm Europe for Citizens tal-Unjoni Ewropea, bil-parteċipazzjoni tal-lokalitajiet ġemellati. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li wieħed għandu joqgħod attent li fix-xhur tas-sajf, ikun diffiċli li wieħed isib akkomodazzjoni, filwaqt li l-prezzijiet ikunu ferm għola mqabbla mal-bqija tas-sena.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emenda skont il-minuta 1.1. aktar 'il fuq, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Espressjoni ta' interess dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk l-konsulenti legali kinux għaddew kopja tal-ittra li kellha tintbagħat lill-Kummissarju tal-Artijiet u t-test tas-sejħa dwar l-interess.

2.1.3. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

### 2.2.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li fis-26 ta' Jannar 2016 saret laqgħa mad-diriġenti tal-Mellieħa *Scout Group* dwar il-possibbilta` li qtates li jkunu ġew imsewwija jinżammu għal ftit jiem fil-kwartieri tal-istess *scouts*. Kompliet tgħid li mill-istess laqgħa sar magħruf li dan mhux possibbli minħabba nuqqas ta' spazju.

2.2.3. Is-Sindku ppropona li għandu jsir kuntatt mal-Fondazzjoni ARKEO sabiex tintuża kamra fl-irżieżet ta' Selmun.

2.2.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.3.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 12.2. tas-seduta ta' qabel u ġibed l-attenzjoni li l-ispiża tal-kordinatrictal-ħarġiet tagħti s-servizzi tagħha bir-rata ndikata, jista' ikun il-każ li tkun teħtieġ sejħa għall-istimi.

2.3.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-prassi dejjem kienet li min jattendi iħallas direttament meta ssir il-ħarġa wara li tinqasam l-ispiża nvoluta f'dik il-ħarġa partikulari, u l-ħlas isir dakinhar stess.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/01/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 25/11/15 – 29/12/15
- Skeda ta' Pagamenti – 25/12/15 – 08/01/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skedi dwar l-Estimi Finanzjarji 2016 – L-Ewwel Abbozz

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (S/6/Vol IV)(T/4/3/Vol II)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 12 ta' Jannar 2016, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn l-15 ta' Marzu u l-25 ta' Marzu 2016. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters* u qabel ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess. Il-Kunsill qabel ukoll li jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess attivita` sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

### 4.2.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill għall-taħriġ fil-Karate (K/1/3/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Jannar 2016 fejn il-Malta Kyokushin Federation talbet sabiex tagħmel użu mis-sala tal-Kunsill bil-għan li jitħarġu l-membri tagħha.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sala tal-Kunsill mhijiex il-post addattat peress li spiss tkun okkupata b'korsijiet li jigu organizzati mill-istess Kunsill. Għaldaqstant il-Viċi Sindku ġie nkarigat sabiex jikkuntattja lill-federazzjoni msemmija sabiex tikkonsidra tuża l-faċilitajiet li hemm fil-park tal-familja, sakemm:

(a) M'hemmx involuti hlasijiet lill-kowċis individwali biex wieħed jattendi t-taħriġ;

(b) Iċ-ċwievet tal-post dejjem jibqgħu għand il-kustodju tal-Park; u

(c) Ħinijiet ta' taħriġ barra dawk normali tal-kustodju, trid tagħmel tajjeb għalihom il-federazzjoni.

**4.3.1. Tindif fl-imsaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Jannar 2016, mibgħut mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn qed jgħarrfu lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju ġewwa l-imsaġar tal-Aħrax fil-31 ta' Jannar, 7, 14, 21 u 28 ta' Frar 2016.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi l-i*skips* meħtieġa.

**4.4.1. Sessjonijiet informattivi dwar l-użu ta' mezzi elettroniċi (E/3/1/9/Vol IV)**

4.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal stedina fuq bażi reġjonali li saret mid-ditta TCTC Ltd, fejn qed tipproponi li torganizza s-sessjonijiet imsemmija, li fit-totalita` tagħhom ilaħħqu bejn 17-20 siegħa, fil-lokalitajiet fejn għandha l-faċilitajiet tagħha installati, bħal fil-każ tal-Mellieħa. Kompliet tispjega li fir-rigward tal-Mellieħa, il-kors jinvolvi spiża stmata €350. Kemm-il darba jkun hemm lokalitajiet li ma jipparteċipawx, il-Kumitat Reġjonali ser jagħmel tajjeb biex l-ispiża għall-Kunsilli Lokali li jieħdu sehem tibqa' l-istess.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Jannar 2016.

5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-*item* 7 u ddikjara li huwa għandu parentela mal-fornitur Unstinting Printing u għalhekk astjena minn kwalunkwe deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Kunsill fuq dan l-*item*.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-9 u l-21 ta' Jannar 2016.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera wkoll għall-*item* 041-01-16 u tenna li huwa għandu parentela mal-fornitur Unstinting Printing u għalhekk astjena minn kwalunkwe deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Kunsill fuq dan l-item

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)**

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-aħħar abbozz tal-*bye-laws* imsemmija li ġew riveduti skont id-diskussjonijiet u deċiżjonijiet li ttieħdu f'seduti preċedenti.

7.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-armar ta' *gazebos* m'għandux ikun soġġett għal ebda ħlas, peress li dan iservi biex joħloq nkonvenjent bla bżonn. Għall-istess raġuni, in-numru ta' persuni li jistgħu jagħmlu tisjir fil-beraħ mingħajr il-ħtieġa ta' permess għandu jinżamm ħmistax. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fil-Bajja tal-Għadira m'għandux jitħalla tisjir kemm bil-faħam, kif ukoll bil-ħatab.

7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-armar ta' *gazebos* m'għandux ikun permess jekk ma jitħalliex spazju ta' 1.5 metru madwarhom.

7.5. Fid-dawl tal-punti mqajjma fil-minuti 7.3. u 7.4. aktar 'il fuq, kien hemm qbil li l-*bye-laws* 3.1. u 4.4 jinqraw hekk:

*"3.1 Mingħajr pregudizzju għal kull liġi oħra li tipprovdi għall-ħtieġa ta' xi permess ieħor minn xi awtorita` oħra, ħadd ma jista' f'xi post ġewwa l-lokalita`, inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp, ~~gazebo,~~ mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-bye-laws:"*

*Iżda l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skont dawn il-bye-laws ma tkun meħtiega biex jintrama gazebo qrib xatt-il baħar;*

*Izda l-ebda gazebo ma jista' jintrama jekk ma jitħalliex passaġġ madwaru ta' metru u nofs, u jiżżarma wara li tinżel ix-xemx sat-tlugħ tagħha fil-jum ta' wara.".*

*Proviso* ma' *Bye-Law* 3.1A

*"Iżda ma huwiex permess li jsir tisjir fil-beraħ permezz tal-faħam jew l-ħatab fil-bajjiet indikati fir-Raba' Skeda ma' dawn il-bye-laws.".*

*"4.4 L-ebda permess, ma għandu jingħata sakemm l-applikant ma jħallasx dritt lill-Kunsill ta' ħames euro (€5) għal kull jum li matulu jkun ser jitqiegħed kamp ~~jew gazebo~~:"*

*"4.5 Iżda l-ebda permess ma jkun meħtieg skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-bye-laws, sabiex isir tisjir fil-beraħ għal miġemgħa ta' inqas minn ħmistax-il persuna.".*

7.6. Fir-rigward tal-*caravans* u l-*campers* kien hemm qbil li l-*proviso* mal-*bye-law* 4.4A għandu jinqara hekk:

*"Iżda kemm-il darba l-perjodu jiġi nterrott għandhom japplikaw kull darba l-provedimenti tal -bye-law 4.4A."*

7.7. Il-Kunsill talab li t-test kollu kif approvat għandu jiġi mgħoddi lill-konsulenti legali sabiex issir it-traduzzjoni għall-Ingliż qabel jitqiegħed għall-konsultazzjoni pubblika.

7.8. Fid-dawl tad-tibdil li sar fil-*proviso* ma' *bye-law* 3.1A, il-Kunsill qabel ukoll li kemm-il darba jidħlu fis-seħħ il-*bye-laws,* għandhom jitwaħħlu tabelli fil-Bajja tal-Għadira li jinqraw hekk:

*"USE OF CHARCOAL AND FIREWOOD FOR BARBECUES IS PROHIBITED"*

**8.1. Dokumenti tal-offerti u metodi ta' evalwazzjoni (T/4/13/VolIX) (K/6/5/3/Vol II) (K/6/3/Vol III) (T/4/6/Vol IV) (P/3/2/Vol IV) (K/6/5/2)**

8.2. Is-Segretarju aċċenna għad-diskussjoni li kien dwar il-kuntratti li waslet biex issir sejħa għall-offerti sabiex jingħataw mill-ġdid, ossija:

(a) *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari;

(b) *Contract Management – Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari;

(c) Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna;

(d) Żamma u Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Postijiet Oħra;

(e) Tindif ta' Toroq Mhux Urbani;

(f) Issettjar u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill; u

(g) C*ontract Management* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari.

8.3. Żvolgiet diskussjoni dwar,jekk l-evalwazzjoni tal-offerti għandhiex issir bil-metodu ta' *"The Cheapest Compliant*" jew bil-*"Most Economically Advantageous Tender".*

8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-uniku kuntratt li għandu jkun evalwat bis-sistema MEAT huwa dak taż-Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna peress li jinvolvi fatturi li jeħtieġ jiġu sodisfatti, partikularment f'dak li jirrigwarda l-kriterji tal-*Green Public Procurement*, il-ħaddiema, u *backup* proficjenti fin-natura tas-servizz mitlub.

8.5. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li t-*traffic island* li hemm fl-inkroċju ta' Triq l-Arżnell ma' Dawret it-Tunnara ma kienx inkluż fi fl-iskeda ta' *soft areas* fl-Annex 2 tad-dokument tal-offerta.

8.6. Il-Vici Sindku rrefera għall-Annex 2 u 3 tad-dokument tal-offerta dwar l-Issettjar u Stampar tal-Magazin, fis-sens li l-ewwel abbozz tiegħu għandu jiġi mgħoddi lill-Kunsill wara sebat ijiem li l-Kunsill jgħaddi l-materjal, filwaqt li s-sottomissjoni tal-abbozz finali jeħtieġ li tiġi mgħoddija lura lill-Kunsill wara ħamest (5) ijiem li dan jiġi approvat mill-Kunsill.

8.7. Dwar id-dokument tal-offerta li jittratta l-*Contract Management* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari, il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li bil-kuntratt li wasal biex jiskadi, il-persuna li tingħata l-kuntratt mhux neċessarjament tkun perit, iżda setgħet tkun entita` li tkun koperta bis-servizz ta' professjonali ta' perit.

8.8. Is-Segretjarju kkwota l-klawsola 01 tal-kundizzjonijiet speċifiċi mill-kuntratt attwali, li jgħid hekk:

> *"Contract Manager is a person or persons appointed by the Local Council to manage one or more of the Contracts listed in Annex 1 and perform the duties listed in Clause 04. The Contract Manager shall also include any legal entity."*

Ikkwota wkoll mill-iskeda nkluża fl-Annex 4, li tgħid hekk:

***Annex 4 Requisites for Qualification as Contract Manager for Individual Contracts***

| *Contract* | *Minimum Requisite Qualifications* | *Certificate of Completion of Course on Contract* |
|---|---|---|
| *Street Sweeping and Cleaning* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Public Cleansing* | *Required* |
| *Collection of Household and Commercial Waste* | *Supervising or Project Management Experience, preferably in Public Cleansing* | *Required* |
| *Collection of Bulky Refuse* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Public Cleansing* | *Required* |
| *Cleaning and Attendance of Public Conveniences* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Public Health* | *Required* |
| *Upkeep and Maintenance of Roads* | *Holder of an A & CE Warrant or equivalent* | *Required* |
| *Maintenance of Traffic Signs and Road Markings* | *Supervisory or Project Management Experience in Traffic Management* | *Required* |
| *Cleaning and Maintenance of Public Gardens* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Agriculture/ Horticulture* | *Required* |

| | | |
|---|---|---|
| *Maintenance and Upkeep of Planters at Misrah il-Parrocca and at Other Locations* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Agriculture/ Horticulture* | *Required* |
| *Cleaning and Maintenance of Non Urban Roads* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably with relevant work experience (e.g. Quantity Surveying). Environmental Protection experience would be considered as asset* | *Required* |

Għaldaqstant, il-professjoni ta' perit hija essenzjali b'rabta mal-manutenzjoni u żamma tat-toroq.

8.9. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li allura, il-*contract management* fuq il-manutenzjoni tat-toroq jista' jingħata permezz ta' kuntratt separat.

8.10. Il-Kunsill ma laqax il-proposta skont il-minuta 8.9.

8.11. Is-Segretarju rrefera għall-Annex 7 u ppropona li fil-parti li tirreferi għall-tħejjija tal-proġetti u l-pjanti relattivi u s-sottomissjoni għall-konsiderazzjoni tal-MEPA. Huwa ppropona li jiżdied il-kliem segwenti:

*"Provided that the above services exclude any surveys that may be required, the procurement of which shall be the sole responsibility of the Local Council, in line with the requirements set by the Architect/Civili Engineer."*

8.12. Il-Kunsill approva ż-żieda tat-test propost fil-minuta 8.11.

## 9.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

9.2. Is-Sindku J. Buttigieg għarraf li l-bord tal-fondazzjoni msemmija wasal biex itemm il-mandat tiegħu. Huwa ppropona li d-delegat tal-Kunsill fuq il-bord li jrid iservi għall-perjodu 2016-2020, ikun il-Viċi Sindku C. Bartolo.

9.3. Il-Kunsill approva n-nomina. Is-Sur C. Bartolo aċċetta dan l-inkarigu.

## 10.1. PA 6329/07 - Estensjoni tal-lukanda Mellieħa Bay - (P/5/8/G)

10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal ittra datata 26 ta' Jannar 2016 mibgħuta mill-MEPA dwar il-bdil ta' pjanti b'rabta mal-applikazzjoni msemmija li tinvolvi żieda ta' 98 kamra. Huwa ppropona li l-iżviluppaturi għandhom jintalbu jispjegaw lill-Kunsill bl-intenzjonijiet tagħhom.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 11.1. Kawża dwar Triq Toni Pace (T/4/13/Vol XII)

11.2. Is-Sindku John Buttigieg għarraf li kif kien miftiehem, saret laqgħa mas-Sinjuri James u Marlene Gouder fil-21 ta' Jannar 2016 fl-uffiċċju tal-Avukat Abigail Critien, fi Triq il-Parroċċa, Mellieħa. Attendew ukoll is-Sinjuri Carmel Debono Segretarju Eżekuttiv u Anthony Cauchi Direttur ta' Central Asphalt Ltd. L-Avukat John Bonello u l-Perit Joseph Attard attendew biex jassistu lill-Kunsill.

11.3. Is-Sindku talab is-sospensjoni tas-seduta sabiex għamel intervent l-Avukat John Bonello li spjega illi waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni ħareġ biċ-ċar li l-atturi m'humiex sodisfatti bil-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti, li essenzjalment jipprovdu li l-livelli tat-triq jibqgħu dawk eżistenti, filwaqt li għandhom isiru spralli biex jieħdu l-ilma tax-xita. Gouder qed isosstnu li l-livell tat-triq quddiem ir-residenza tagħhom għandu jogħla, filwaqt li jitbaxxa dak biswit Ġnien Dun Anton Debono biex l-ilma jaqleb għal dik in-naħa.

11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fid-dawl tal-intrasiġenza tal-atturi, il-Kunsill għandu jsegwi s-sentenza billi jwettaq ix-xogħlijiet skont kif indikati mill-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti, kemm il-darba s-sentenza tal-Imħallef tkun fuq l-istess linji.

11.5. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jaddotta l-proposta skont il-minuta 11.4 aktar 'il fuq.

**12.1. Sessjonijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11/Vol II)**

12.2. Il-Kunsill H. Fenech staqsa għaliex is-sessjonijiet tal-*aerobics* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tnaqqsu min darbtejn għal darba fil-ġimgħa.

12.3. Is-Sindku wieġeb li d-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani waqqaf il-finanzjament minn naħa tiegħu u għalhekk issa l-Kunsill, kif kien jagħmel f'aħħar snin, qed jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' sessjoni fil-ġimgħa totalment mill-fondi tiegħu. Id-Dipartiment ser ikun qed jiffinanzja dixxiplina oħra differenti mill-*aerobics*. Dan l-arranġament daħal fis-seħħ fl-14 ta' Jannar 2016 u ser jintemm fis-26 ta' April 2016.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Sewqan perikoluż fit-triq tal-Wied ta' Rdum (T/3/2/Vol XII)**

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm sewqan b'veloċita' qawwija fit-triq li tagħti mit-Telgħa ta' Żnuber għal Tal-Prajjet. Dan minkejja li kienu saru żewġ *speed humps*. Din is-sitwazzjoni qed tpoġġi fil-periklu lil kull min jipprova joħroġ minn xi triq traversa, għar-raġuni wkoll li t-triq hija dejqa. Huwa għalhekk ippropona li jsiru aktar *speed humps* fil-postijiet l-aktar perikolużi.

13.3. Is-Sindku qal li l-Bord tal-Park tal-Majjistral kien qiegħed jikkonsidra li din it-triq issir *one-way* għat-telgħa. Huwa aċċenna li din il-proposta kienet saret xi snin ilu minn Transport Malta, bil-għan li s-sewwieqa li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-Manikata sejrin lejn iċ-Ċirkewwa, jiġu skoraġġiti jgħaddu minnha.

13.4. Il-Kunsill qabel li wieħed għandu jistenna sakemm issir magħrufa l-intenzjoni tal-Bord, għar-raġuni li deċiżjoni dwarha taffettwa l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-*ispeed humps*.

**14.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Birwina ma' Triq il-Qortin u Triq il-Gardell (T/3/2/Vol XII)**

14.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal marki temporanji li saru fl-inkroċju msemmi u staqsa x'inhu s-sinifikat tagħhom.

14.3. Is-Sindku aċċenna li permezz ta' korrispondenza datata 15 ta' Lulju 2010 u 6 ta' Frar 2012, Transport Malta kienet approvat arrangament propost mill-Kunsill skont pjanta li ġiet preżentata lill-istess awtorita`. Meta l-istess arranġament ġie ppruvat fuq il-post kien hemm diffikultajiet, peress li s-sit instab li huwa iżgħar. Għaldaqstant, is-*surveyor* li kien inkarigat qabel saret il-pjanta, reġa tqabbad biex jagħti l-punti fuq il-post.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Żieda ta' *litter bins* fit-toroq ewlenin (L/5)**

15.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitwaħħlu aktar *litter bins* fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda talab lis-Sur D. Vella sabiex jindika l-postijiet fejn dawn huma l-aktar meħtieġa u li ma jqanqlux reazzjoni mir-residenti jew operaturi ta' negozji.

**16.1. Kors fl-ewwel għajnuna (E/3/5)**

16.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li jsir kors fl-ewwel għajnuna għal dawk il-ġenituri li jkollhom tfal żgħar.

16.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien tal-fehma li għandhom jiġu identifikati persuna jew entitajiet li jipprovdu korsijiet ta' dan it-tip.

### 17.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għerien il-Ħida (T/3/2/Vol XII)

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għal inċident tat-traffiku li ġara fi Triq Għajn Tuffieħa, kantuniera ma' Triq Għerien il-Ħida. Fl-istess inċident, sewwieq ta' vettura baqa' ħiereġ għal ġo Triq Għajn Tuffieħa mingħajr ma' waqaf. Ħuwa għaldaqstant issuġġerixxa li ssir *speed hump* fi Triq Għerien il-Ħida.

17.3. Is-Sindku kkummenta li fl-istess kantuniera diġa hemm mera, u sinjali/tabelli *STOP* biex jgħinu u jwissu lis-sewwieqa li jkunu ser joħorġu ġo triq maġġuri.

17.4. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-i*status quo*.

### 18.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Anthony Fenech (P/3/5)

18.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija kellha laqgħa mas-Sur Anthony Fenech dwar il-pubblikazzjoni tal-poeżiji tiegħu fi ktieb wieħed. Hija qalet ukoll li tkellmet mas-Sinjura Oriana Spiteri li lesta tittajpja t-test biex ikun jista' jiġi ssettjat mill-istampatur. Mhux mistenni li l-ktieb ikun iktar minn 300 paġna.

18.2. Il-Kunsill qabel li din il-pubblikazzjoni tkun parti mis-sensiela Ħannieqa Kotba Mellieħin.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016 fis-7.00 pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 50

26 ta' Jannar 2016

Minuti tas-seduta Nru. 50 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier J. Gauci li għarraf lill-Kunsill illi ser ikun imsiefer permezz ta' imejl datat 13 ta' Jannar 2016.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 15.3. tas-seduta preċedenti u talab li tinqara hekk:

*"15..4. Is-Sur C. Bartolo qal li ser isir sforz sabiex fl-istess jiem tal-Iljieli Melleħin tiġi organizzata konferenza kofinanzjata bejn il-Kunsill u mill-Programm Europe for Citizens tal-Unjoni Ewropea, bil-parteċipazzjoni tal-lokalitajiet ġemellati. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li wieħed għandu joqgħod attent li fix-xhur tas-sajf, ikun diffiċli li wieħed isib akkomodazzjoni, filwaqt li l-prezzijiet ikunu ferm għola mqabbla mal-bqija tas-sena.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emenda skont il-minuta 1.1. aktar 'il fuq, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Espressjoni ta' interess dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk l-konsulenti legali kinux għaddew kopja tal-ittra li kellha tintbagħat lill-Kummissarju tal-Artijiet u t-test tas-sejħa dwar l-interess.

2.1.3. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

### 2.2.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li fis-26 ta' Jannar 2016 saret laqgħa mad-diriġenti tal-Mellieħa *Scout Group* dwar il-possibbilta` li qtates li jkunu ġew imsewwija jinżammu għal ftit jiem fil-kwartieri tal-istess *scouts*. Kompliet tgħid li mill-istess laqgħa sar magħruf li dan mhux possibbli minħabba nuqqas ta' spazju.

2.2.3. Is-Sindku ppropona li għandu jsir kuntatt mal-Fondazzjoni ARKEO sabiex tintuża kamra fl-irżieżet ta' Selmun.

2.2.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.3.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 12.2. tas-seduta ta' qabel u ġibed l-attenzjoni li l-ispiża tal-kordinatrictal-ħarġiet tagħti s-servizzi tagħħa bir-rata ndikata, jista' ikun il-każ li tkun teħtieġ sejħa għall-istimi.

2.3.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-prassi dejjem kienet li min jattendi iħallas direttament meta ssir il-ħarġa wara li tinqasam l-ispiża nvoluta f'dik il-ħarġa partikulari, u l-ħlas isir dakinhar stess.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/01/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 25/11/15 – 29/12/15
- Skeda ta' Pagamenti – 25/12/15 – 08/01/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skedi dwar l-Estimi Finanzjarji 2016 – L-Ewwel Abbozz

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (S/6/Vol IV)(T/4/3/Vol II)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 12 ta' Jannar 2016, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn l-15 ta' Marzu u l-25 ta' Marzu 2016. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters* u qabel ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess. Il-Kunsill qabel ukoll li jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess attivita` sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

### 4.2.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill għall-taħriġ fil-Karate (K/1/3/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Jannar 2016 fejn il-Malta Kyokushin Federation talbet sabiex tagħmel użu mis-sala tal-Kunsill bil-għan li jitħarġu l-membri tagħha.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sala tal-Kunsill mhijiex il-post addattat peress li spiss tkun okkupata b'korsijiet li jigu organizzati mill-istess Kunsill. Għaldaqstant il-Viċi Sindku ġie nkarigat sabiex jikkuntattja lill-federazzjoni msemmija sabiex tikkonsidra tuża l-faċilitajiet li hemm fil-park tal-familja, sakemm:

(a) M'hemmx involuti hlasijiet lill-kowċis individwali biex wieħed jattendi t-taħriġ;

(b) Iċ-ċwievet tal-post dejjem jibqgħu għand il-kustodju tal-Park; u

(c) Ħinijiet ta' taħriġ barra dawk normali tal-kustodju, trid tagħmel tajjeb għalihom il-federazzjoni.

### 4.3.1. Tindif fl-imsaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Jannar 2016, mibgħut mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn qed jgħarrfu lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju ġewwa l-imsaġar tal-Aħrax fil-31 ta' Jannar, 7, 14, 21 u 28 ta' Frar 2016.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi l-i*skips* meħtieġa.

### 4.4.1. Sessjonijiet informattivi dwar l-użu ta' mezzi elettroniċi (E/3/1/9/Vol IV)

4.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal stedina fuq bażi reġjonali li saret mid-ditta TCTC Ltd, fejn qed tipproponi li torganizza s-sessjonijiet imsemmija, li fit-totalita` tagħhom ilaħħqu bejn 17-20 siegħa, fil-lokalitajiet fejn għandha l-faċilitajiet tagħha installati, bħal fil-każ tal-Mellieħa. Kompliet tispjega li fir-rigward tal-Mellieħa, il-kors jinvolvi spiża stmata €350. Kemm-il darba jkun hemm lokalitajiet li ma jipparteċipawx, il-Kumitat Reġjonali ser jagħmel tajjeb biex l-ispiża għall-Kunsilli Lokali li jieħdu sehem tibqa' l-istess.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Jannar 2016.

5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-*item* 7 u ddikjara li huwa għandu parentela mal-fornitur Unstinting Printing u għalhekk astjena minn kwalunkwe deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Kunsill fuq dan l-*item*.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-9 u l-21 ta' Jannar 2016.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera wkoll għall-*item* 041-01-16 u tenna li huwa għandu parentela mal-fornitur Unstinting Printing u għalhekk astjena minn kwalunkwe deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Kunsill fuq dan l-item

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-aħħar abbozz tal-*bye-laws* imsemmija li ġew riveduti skont id-diskussjonijiet u deċiżjonijiet li ttieħdu f'seduti preċedenti.

7.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-armar ta' *gazebos* m'għandux ikun soġġett għal ebda ħlas, peress li dan iservi biex joħloq nkonvenjent bla bżonn. Għall-istess raġuni, in-numru ta' persuni li jistgħu jagħmlu tisjir fil-beraħ mingħajr il-ħtieġa ta' permess għandu jinżamm ħmistax. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fil-Bajja tal-Għadira m'għandux jitħalla tisjir kemm bil-faħam, kif ukoll bil-ħatab.

7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-armar ta' *gazebos* m'għandux ikun permess jekk ma jitħalliex spazju ta' 1.5 metru madwarhom.

7.5. Fid-dawl tal-punti mqajjma fil-minuti 7.3. u 7.4. aktar 'il fuq, kien hemm qbil li l-*bye-laws* 3.1. u 4.4 jinqraw hekk:

> *"3.1 Mingħajr pregudizzju għal kull liġi oħra li tipprovdi għall-ħtieġa ta' xi permess ieħor minn xi awtorita` oħra, ħadd ma jista' f'xi post ġewwa l-lokalita`, inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp, ~~gazebo,~~ mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-bye-laws:"*

*Iżda l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skont dawn il-bye-laws ma tkun meħtiega biex jintrama gazebo qrib xatt-il baħar;*

*Izda l-ebda gazebo ma jista' jintrama jekk ma jitħalliex passaġġ madwaru ta' metru u nofs, u jiżżarma wara li tinżel ix-xemx sat-tlugħ tagħha fil-jum ta' wara.".*

*Proviso* ma' *Bye-Law* 3.1A

*"Iżda ma huwiex permess li jsir tisjir fil-beraħ permezz tal-faħam jew l-ħatab fil-bajjiet indikati fir-Raba' Skeda ma' dawn il-bye-laws.".*

*"4.4 L-ebda permess, ma għandu jingħata sakemm l-applikant ma jħallasx dritt lill-Kunsill ta' ħames euro (€5) għal kull jum li matulu jkun ser jitqiegħed kamp ~~jew gazebo~~."*

*"4.5 Iżda l-ebda permess ma jkun meħtieg skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-bye-laws, sabiex isir tisjir fil-beraħ għal miġemgħa ta' inqas minn ħmistax-il persuna.".*

7.6. Fir-rigward tal-*caravans* u l-*campers* kien hemm qbil li l-*proviso* mal-*bye-law* 4.4A għandu jinqara hekk:

*"Iżda kemm-il darba l-perjodu jiġi nterrott għandhom japplikaw kull darba l-provedimenti tal -bye-law 4.4A."*

7.7. Il-Kunsill talab li t-test kollu kif approvat għandu jiġi mgħoddi lill-konsulenti legali sabiex issir it-traduzzjoni għall-Ingliż qabel jitqiegħed għall-konsultazzjoni pubblika.

7.8. Fid-dawl tad-tibdil li sar fil-*proviso* ma' *bye-law* 3.1A, il-Kunsill qabel ukoll li kemm-il darba jidħlu fis-seħħ il-*bye-laws,* għandhom jitwaħħlu tabelli fil-Bajja tal-Għadira li jinqraw hekk:

*"USE OF CHARCOAL AND FIREWOOD FOR BARBECUES IS PROHIBITED"*

**8.1. Dokumenti tal-offerti u metodi ta' evalwazzjoni (T/4/13/VolIX) (K/6/5/3/Vol II) (K/6/3/Vol III) (T/4/6/Vol IV) (P/3/2/Vol IV) (K/6/5/2)**

8.2. Is-Segretarju aċċenna għad-diskussjoni li kien dwar il-kuntratti li waslet biex issir sejħa għall-offerti sabiex jingħataw mill-ġdid, ossija:

(a) *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari;

(b) *Contract Management – Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari;

(c) Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna;

(d) Żamma u Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Postijiet Oħra;

(e) Tindif ta' Toroq Mhux Urbani;

(f) Issettjar u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill; u

(g) C*ontract Management* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari.

8.3. Żvolgiet diskussjoni dwar,jekk l-evalwazzjoni tal-offerti għandhiex issir bil-metodu ta' *"The Cheapest Compliant*" jew bil-*"Most Economically Advantageous Tender".*

8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-uniku kuntratt li għandu jkun evalwat bis-sistema MEAT huwa dak taż-Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna peress li jinvolvi fatturi li jeħtieġ jiġu sodisfatti, partikularment f'dak li jirrigwarda l-kriterji tal-*Green Public Procurement*, il-ħaddiema, u *backup* proficjenti fin-natura tas-servizz mitlub.

8.5. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li t-*traffic island* li hemm fl-inkroċju ta' Triq l-Arżnell ma' Dawret it-Tunnara ma kienx inkluż fi fl-iskeda ta' *soft areas* fl-Annex 2 tad-dokument tal-offerta.

8.6. Il-Vici Sindku rrefera għall-Annex 2 u 3 tad-dokument tal-offerta dwar l-Issettjar u Stampar tal-Magazin, fis-sens li l-ewwel abbozz tiegħu għandu jiġi mgħoddi lill-Kunsill wara sebat ijiem li l-Kunsill jgħaddi l-materjal, filwaqt li s-sottomissjoni tal-abbozz finali jeħtieġ li tiġi mgħoddija lura lill-Kunsill wara ħamest (5) ijiem li dan jiġi approvat mill-Kunsill.

8.7. Dwar id-dokument tal-offerta li jittratta l-*Contract Management* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari, il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li bil-kuntratt li wasal biex jiskadi, il-persuna li tingħata l-kuntratt mhux neċessarjament tkun perit, iżda setgħet tkun entita` li tkun koperta bis-servizz ta' professjonali ta' perit.

8.8. Is-Segretjarju kkwota l-klawsola 01 tal-kundizzjonijiet speċifiċi mill-kuntratt attwali, li jgħid hekk:

> *"Contract Manager is a person or persons appointed by the Local Council to manage one or more of the Contracts listed in Annex 1 and perform the duties listed in Clause 04. The Contract Manager shall also include any legal entity."*

Ikkwota wkoll mill-iskeda nkluża fl-Annex 4, li tgħid hekk:

***Annex 4 Requisites for Qualification as Contract Manager for Individual Contracts***

| *Contract* | *Minimum Requisite Qualifications* | *Certificate of Completion of Course on Contract* |
|---|---|---|
| *Street Sweeping and Cleaning* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Public Cleansing* | *Required* |
| *Collection of Household and Commercial Waste* | *Supervising or Project Management Experience, preferably in Public Cleansing* | *Required* |
| *Collection of Bulky Refuse* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Public Cleansing* | *Required* |
| *Cleaning and Attendance of Public Conveniences* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Public Health* | *Required* |
| *Upkeep and Maintenance of Roads* | *Holder of an A & CE Warrant or equivalent* | *Required* |
| *Maintenance of Traffic Signs and Road Markings* | *Supervisory or Project Management Experience in Traffic Management* | *Required* |
| *Cleaning and Maintenance of Public Gardens* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Agriculture/ Horticulture* | *Required* |

| | | |
|---|---|---|
| *Maintenance and Upkeep of Planters at Misrah il-Parrocca and at Other Locations* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably in Agriculture/ Horticulture* | *Required* |
| *Cleaning and Maintenance of Non Urban Roads* | *Supervisory or Project Management Experience, preferably with relevant work experience (e.g. Quantity Surveying). Environmental Protection experience would be considered as asset* | *Required* |

Għaldaqstant, il-professjoni ta' perit hija essenzjali b'rabta mal-manutenzjoni u żamma tat-toroq.

8.9. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li allura, il-*contract management* fuq il-manutenzjoni tat-toroq jista' jingħata permezz ta' kuntratt separat.

8.10. Il-Kunsill ma laqax il-proposta skont il-minuta 8.9.

8.11. Is-Segretarju rrefera għall-Annex 7 u ppropona li fil-parti li tirreferi għall-tħejjija tal-proġetti u l-pjanti relattivi u s-sottomissjoni għall-konsiderazzjoni tal-MEPA. Huwa ppropona li jiżdied il-kliem segwenti:

*"Provided that the above services exclude any surveys that may be required, the procurement of which shall be the sole responsibility of the Local Council, in line with the requirements set by the Architect/Civili Engineer."*

8.12. Il-Kunsill approva ż-żieda tat-test propost fil-minuta 8.11.

## 9.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

9.2. Is-Sindku J. Buttigieg għarraf li l-bord tal-fondazzjoni msemmija wasal biex itemm il-mandat tiegħu. Huwa ppropona li d-delegat tal-Kunsill fuq il-bord li jrid iservi għall-perjodu 2016-2020, ikun il-Viċi Sindku C. Bartolo.

9.3. Il-Kunsill approva n-nomina. Is-Sur C. Bartolo aċċetta dan l-inkarigu.

## 10.1. PA 6329/07 - Estensjoni tal-lukanda Mellieħa Bay - (P/5/8/G)

10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal ittra datata 26 ta' Jannar 2016 mibgħuta mill-MEPA dwar il-bdil ta' pjanti b'rabta mal-applikazzjoni msemmija li tinvolvi żieda ta' 98 kamra. Huwa ppropona li l-iżviluppaturi għandhom jintalbu jispjegaw lill-Kunsill bl-intenzjonijiet tagħhom.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 11.1. Kawża dwar Triq Toni Pace (T/4/13/Vol XII)

11.2. Is-Sindku John Buttigieg għarraf li kif kien miftiehem, saret laqgħa mas-Sinjuri James u Marlene Gouder fil-21 ta' Jannar 2016 fl-uffiċċju tal-Avukat Abigail Critien, fi Triq il-Parroċċa, Mellieħa. Attendew ukoll is-Sinjuri Carmel Debono Segretarju Eżekuttiv u Anthony Cauchi Direttur ta' Central Asphalt Ltd. L-Avukat John Bonello u l-Perit Joseph Attard attendew biex jassistu lill-Kunsill.

11.3. Is-Sindku talab is-sospensjoni tas-seduta sabiex għamel intervent l-Avukat John Bonello li spjega illi waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni ħareġ biċ-ċar li l-atturi m'humiex sodisfatti bil-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti, li essenzjalment jipprovdu li l-livelli tat-triq jibqgħu dawk eżistenti, filwaqt li għandhom isiru spralli biex jieħdu l-ilma tax-xita. Gouder qed isosstnu li l-livell tat-triq quddiem ir-residenza tagħhom għandu jogħla, filwaqt li jitbaxxa dak biswit Ġnien Dun Anton Debono biex l-ilma jaqleb għal dik in-naħa.

11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fid-dawl tal-intrasiġenza tal-atturi, il-Kunsill għandu jsegwi s-sentenza billi jwettaq ix-xogħlijiet skont kif indikati mill-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti, kemm il-darba s-sentenza tal-Imħallef tkun fuq l-istess linji.

11.5. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jaddotta l-proposta skont il-minuta 11.4 aktar ‘il fuq.

**12.1. Sessjonijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11/Vol II)**

12.2. Il-Kunsill H. Fenech staqsa għaliex is-sessjonijiet tal-*aerobics* fiċ-Ċentru ta’ Matul il-Jum tnaqqsu min darbtejn għal darba fil-ġimgħa.

12.3. Is-Sindku wieġeb li d-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani waqqaf il-finanzjament minn naħa tiegħu u għalhekk issa l-Kunsill, kif kien jagħmel f’aħħar snin, qed jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta’ sessjoni fil-ġimgħa totalment mill-fondi tiegħu. Id-Dipartiment ser ikun qed jiffinanzja dixxiplina oħra differenti mill-*aerobics*. Dan l-arranġament daħal fis-seħħ fl-14 ta’ Jannar 2016 u ser jintemm fis-26 ta’ April 2016.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Sewqan perikoluż fit-triq tal-Wied ta’ Rdum (T/3/2/Vol XII)**

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm sewqan b’veloċita’ qawwija fit-triq li tagħti mit-Telgħa ta’ Żnuber għal Tal-Prajjet. Dan minkejja li kienu saru żewġ *speed humps*. Din is-sitwazzjoni qed tpoġġi fil-periklu lil kull min jipprova joħroġ minn xi triq traversa, għar-raġuni wkoll li t-triq hija dejqa. Huwa għalhekk ippropona li jsiru aktar *speed humps* fil-postijiet l-aktar perikolużi.

13.3. Is-Sindku qal li l-Bord tal-Park tal-Majjistral kien qiegħed jikkonsidra li din it-triq issir *one-way* għat-telgħa. Huwa aċċenna li din il-proposta kienet saret xi snin ilu minn Transport Malta, bil-għan li s-sewwieqa li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-Manikata sejrin lejn iċ-Ċirkewwa, jiġu skoraġġiti jgħaddu minnha.

13.4. Il-Kunsill qabel li wieħed għandu jistenna sakemm issir magħrufa l-intenzjoni tal-Bord, għar-raġuni li deċiżjoni dwarha taffettwa l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-*ispeed humps*.

**14.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Birwina ma’ Triq il-Qortin u Triq il-Gardell (T/3/2/Vol XII)**

14.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal marki temporanji li saru fl-inkroċju msemmi u staqsa x’inhu s-sinifikat tagħhom.

14.3. Is-Sindku aċċenna li permezz ta’ korrispondenza datata 15 ta’ Lulju 2010 u 6 ta’ Frar 2012, Transport Malta kienet approvat arrangament propost mill-Kunsill skont pjanta li ġiet preżentata lill-istess awtorita`. Meta l-istess arranġament ġie ppruvat fuq il-post kien hemm diffikultajiet, peress li s-sit instab li huwa iżgħar. Għaldaqstant, is-*surveyor* li kien inkarigat qabel saret il-pjanta, reġa tqabbad biex jagħti l-punti fuq il-post.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Żieda ta’ *litter bins* fit-toroq ewlenin (L/5)**

15.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitwaħħlu aktar *litter bins* fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda talab lis-Sur D. Vella sabiex jindika l-postijiet fejn dawn huma l-aktar meħtieġa u li ma jqanqlux reazzjoni mir-residenti jew operaturi ta’ negozji.

**16.1. Kors fl-ewwel għajnuna (E/3/5)**

16.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li jsir kors fl-ewwel għajnuna għal dawk il-ġenituri li jkollhom tfal żgħar.

16.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien tal-fehma li għandhom jiġu identifikati persuna jew entitajiet li jipprovdu korsijiet ta’ dan it-tip.

**17.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għerien il-Ħida (T/3/2/Vol XII)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għal inċident tat-traffiku li ġara fi Triq Għajn Tuffieħa, kantuniera ma' Triq Għerien il-Ħida. Fl-istess inċident, sewwieq ta' vettura baqa' ħiereġ għal ġo Triq Għajn Tuffieħa mingħajr ma' waqaf. Ħuwa għaldaqstant issuġġerixxa li ssir *speed hump* fi Triq Għerien il-Ħida.

17.3. Is-Sindku kkummenta li fl-istess kantuniera diġa hemm mera, u sinjali/tabelli *STOP* biex jgħinu u jwissu lis-sewwieqa li jkunu ser joħorġu ġo triq maġġuri.

17.4. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-i*status quo*.

**18.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Anthony Fenech (P/3/5)**

18.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija kellha laqgħa mas-Sur Anthony Fenech dwar il-pubblikazzjoni tal-poeżiji tiegħu fi ktieb wieħed. Hija qalet ukoll li tkellmet mas-Sinjura Oriana Spiteri li lesta tittajpja t-test biex ikun jista' jiġi ssettjat mill-istampatur. Mhux mistenni li l-ktieb ikun iktar minn 300 paġna.

18.2. Il-Kunsill qabel li din il-pubblikazzjoni tkun parti mis-sensiela Ħannieqa Kotba Mellieħin.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016 fis-7.00 pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |